II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/520

tat-18 ta' Novembru 2019

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sistema Ċivili Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Ukrajna sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, tar-Repubblika tal-Kroazja u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 172, flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att tal-Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija u l-Att tal-Adeżjoni tal-Kroazja, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tagħhom,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sistema Ċivili Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u l-Ukrajna [1]("il-Ftehim") ġie ffirmat fl-1 ta' Diċembru 2005 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2013.

(2) Il-Bulgarija u r-Rumanija saru Stati Membri tal-Unjoni fl-1 ta' Jannar 2007 u l-Kroazja saret Stat Membru tal-Unjoni fl-1 ta' Lulju 2013.

(3) Skont l-Artikolu 6(2) tal-Atti tal-Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija u l-Artikolu 6(2) tal-Att tal-Adeżjoni tal-Kroazjairid jintlaħaq qbil dwar l-adeżjoni għall-Ftehim permezz ta' protokoll għall-Ftehim. Dawk id-dispożizzjonijiet jipprevedu proċedura simplifikata li permezz tagħha jiġi konkluż protokoll mill-Kunsill, li jaġixxi unanimament f'isem l-Istati Membri, u mill-Ukrajna.

(4) Fit-23 ta' Ottubru 2006 u fl-14 ta' Settembru 2012, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mal-pajjiżi terzi kkonċernati sabiex tikkonkludi protokolli għall-ftehimiet internazzjonali li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jkunu kkonkludew.

(5) Il-Kummissjoni kkonkludiet b'suċċess in-negozjati mal-Ukrajna dwar il-Protokoll għall-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sistema Ċivili Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Ukrajna sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, tar-Repubblika tal-Kroazja u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea ("il-Protokoll"), permezz ta' skambju ta' *notes verbales*.

(6) Il-Protokoll jenħtieġ li jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard,

[1] ĠU L 125, 26.4.2014, p. 3.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sistema Ċivili Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Ukrajna sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, tar-Repubblika tal-Kroazja u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tal-Protokoll ([2]).

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina lill-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Protokoll f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Novembru 2019.

Għall-Kunsill
Il-President
J. LEPPÄ

([2]) It-test tal-Protokoll ser jiġi ppubblikat flimkien mad-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.